

ECHA/NA/12/33

L-ECHA tippubblika gwida Prattika għall-utenti downstream dwar xenarji ta' espożizzjoni

Il-gwida l-ġdida għall-utenti downstream tipprovdi suġġerimenti biex jiġi verifikat jekk l-użijiet u l-kundizzjonijiet ta' użu ta' sustanza kimika humiex koperti minn xenarji ta' espożizzjoni pprovduti mill-fornituri bl-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà. Din tinkludi pariri dwar l-azzjoni li għandha tittieħed abbażi tal-eżitu ta' din il-verifika.

Helsinki, 28 ta' Ġunju 2012 – Il-gwida Prattika tipprovdi ħarsa ġenerali tad-dmirijiet prinċipali tal-utenti downstream fir-rigward tax-xenarji ta' espożizzjoni skont REACH u l-limitu taż-żmien assoċjat. Din tagħti eżempji li juru l-kwistjonijiet komuni li l-utenti downstream jiffaċċjaw meta jqabblu l-użijiet reali tagħhom u l-kundizzjonijiet ta' użu mal-informazzjoni pprovduta mill-fornituri. Hemm ukoll suġġerimenti prattiċi dwar kif għandha ssir verifika u l-għażliet għal azzjonijiet ta' segwitu.

Tinkludi wkoll pariri dwar kif u meta għandu jitħejja rapport ta' utent downstream dwar is-sigurtà kimika u biex jiġi rrapportat użu mhux appoġġat lill-ECHA.

Il-pubblikazzjoni ġiet żviluppata b'input mill-Utenti Downstream tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (DUCC), b'mod partikolari fir-rigward tal-eżempji prattiċi.

Biex jiġu żviluppati aktar il-gwida u l-eżempji, l-ECHA qed tteġġeg lill-utenti downstream biex jippreżentaw esperjenzi reali. Il-kontributi għandhom jintbagħtu lill-ECHA permezz tal-formola "ikkuntattja lid-Desk ta' Informazzjoni tal-ECHA" disponibbli fuq il-paġna web ta' Kuntatt tal-ECHA.

Aktar informazzjoni

Gwida Prattika 13: Kif utenti downstream jistgħu jitrattaw xenarji ta' espożizzjoni
http://echa.europa.eu/documents/10162/13655/du_practical_guide_13_en.pdf

Paġni web tal-utenti downstream
<http://echa.europa.eu/mt/regulations/reach/downstream-users>

Xenarju ta' espożizzjoni għar-rapport ta' sigurtà kimika u l-komunikazzjoni
Eżempju: Użu professjonali ta' sustanza kimika f'kisjiet tal-art
http://echa.europa.eu/documents/10162/13643/es_professional_use_20110829.pdf

Xenarju ta' espożizzjoni għar-rapport ta' sigurtà kimika u l-komunikazzjoni
Eżempju: Użu mil-konsumatur ta' sustanza kimika fi prodotti tat-tindif
http://echa.europa.eu/documents/10162/13564/es_for_consumer_20110829_en.pdf

Gwida tal-ECHA għall-utenti downstream
<http://echa.europa.eu/guidance-documents/guidance-on-reach>

Formola web tad-Desk ta' informazzjoni tal-ECHA fuq il-paġna web ta' kuntatt tal-ECHA
<http://echa.europa.eu/web/guest/contact>

Gwida dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni u l-valutazzjoni ta' sigurtà kimika
Format ta' Xenarju ta' Espożizzjoni fil-Parti G: Estensjoni tal-SDS
<http://echa.europa.eu/mt/web/guest/guidance-documents/guidance-on-information-requirements-and-chemical-safety-assessment>

Chesar - Għodda ta' Valutazzjoni u ta' Rappurtar tas-Sigurtà Kimika
<http://chesar.echa.europa.eu/>